# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Settembru 2010

## li taħtar żewġ membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 250/10)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċizjoni tal-Kunsill 91/116/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kunsill,

Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika huwa magħmul minn erbgħa u għoxrin membru.

(2) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Nru 234/2008, tnax-il membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha 2009/304/KE tat-30 ta' Marzu 2009 ([2]) il-Kummissjoni ħatret tnax-il membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika.

(4) Minħabba li tnejn minn dawn il-membri rriżenjaw, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat kif suppost mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, issa ħatret żewġ membri ġodda tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Permezz ta' dan ta' hawnhekk qed jinħatru s-Sra Anuska FERLIGOJ u s-Sra Emilia ȚIȚAN bħala membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika għal perjodu ta' ħames snin.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Olli REHN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13.

([2]) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 44.